MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 70/2011

**Alfred Cassar ghan-nom ta' martu Rose Cassar u Mario Xerri ghan-nom tal-imsiefer Joseph Attard u b'nota tad-19 ta' Settembru, 2011 ir-rapprezentanza ta' Rose Cassar ghaddiet fuq Mario Xerri**

**Vs.**

**Angela Grima, John Attard u Dr Kevin Mampalao li gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefrin Lawrence Attard, Nazzarena Hili u Saviour Attard, b'digriet tal-31 ta' Awwissu 2011**

**Il-Qorti,**

Illi permezz tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew:-

1. Illi John Attard, gia pensjonant, bin il-mejtin Lawrence Attard u Angela nee' Attard kien imwieled residenti x-Xewkija, Ghawdex miet fir-Rabat, Ghawdex fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tal-elf disa' mija u disgha u disghin (1999), u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu, immarkat Dok "A";

2. Illi Francesca Attard mart l-istess John Attard, bint il-mejtin Salvu Attard u Francesca nee' Azzopardi kienet imwielda u residenti x-Xewkija mietet fix-Xewkija fid-19 ta' Dicembru tal-elf disa' mijia u tnejn u disghin (1992), u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha mmarkat Dok "B";

3. Illi l-imsemmija Ganni u Francesca konjugi Attard, irregolaw il-wirt u successjoni taghhom b'testment tal-ghaxra ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgha u sebghin (10.01.1974) fl-atti tan-Nutar Antonio Galea u permezz tieghu u nnominaw bhala l-eredi universali taghhom lis-seba' uliedhom cioe' Zarena mart Paolo Hili, Rosina mart Alfredo Cassar, Ganni, Wenzu, Salvu, Angela u Giuseppe ahwa Attard, indaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akrexximent bejniethom skont il-Ligi, u dan kif jidher mit-testment hawn anness u mmarkat Dok "C";

4. Illi dan kien l-uniku testment tal-partijiet u dan kif jidher mir-ricerki testamentarji, kemm pubblici u kemm sigrieti ta' Ganni u ta' Francesca konjugi Attard li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok "D" sa Dok "G" rispettivament;

5. Illi d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* tal-konjugi Attard gew debitament ppubblikati u dan skont kif jidher mill-kuntratti hawn annessi u mmarkati dok "H" u Dok "I" rispettivament;

5. Illi r-rikorrenti *nomine* bhala eredi ta' l-imsemmija Ganni u Francesca konjugi Attard, ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni ghar-rigward tal-eredita' tal-genituri taghhom u ma hemm l-ebda artiklu fit-testment jew ftehim bejn il-partijiet li jipprojbixxi jew jissospendi tali qasma;

6. Illi l-intimati *pro et nomine* ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal din id-divizjoni bonarja baqghu nadempjenti;

7. Illi l-esponenti *nomine* jafu dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

'1. Tahtar perit biex jevalwa l-proprjeta' mmobbli, mertu tal-kaz;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia' ezistenti bejn l-imsemmija Ganni u Francesca konjugi Attard billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

3. Taqsam l-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Attard;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Ganni Attard billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Ganni Attard f'seba' porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wahda lis-sebat ulied ta' l-istess Ganni Attard jew is-superstiti taghhom;

6. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni tal-imsemmi Ganni Attard jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh tal-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn is-sebat ulied tal-istess Ganni Attard jew is-superstiti taghhom;

7. Tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmija Francesca Attard billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komujoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

8. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji tal-imsemmija Francesca Attard f'seba' porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wiehed lis-sebat ulied ta' l-istess Francesca Attard jew is-superstiti taghhom;

9. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni tal-imsemmija Francesca Attard jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn is-sebat ulied ta' l-istess Francesca Attard jew is-superstiti taghhom;

10. Alternattivament, tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-intimati u bir-riserva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lir-rikorrenti, jekk ikun il-kaz.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Kevin Mompalao bhala kuratur deputat ta l-imsefrin Lawrence Attard, Nazzarena Hili u Saviour Attard fejn gie eccepit kif isegwi:-

'1. Illi fl-ewwel lok jirrizulta illi Alfred Cassar qieghed jirraprezenta lil Rose Cassar f'dawn il-proceduri jghix fl-esteru (dan jirrizulta mill-istess prokura). Ghaldaqstant jekk l-imsemmi Alfred Cassar ma huwiex prezenti f'dawn il-gzejjer, iridu jigu regolarizzati l-atti qabel ma din il-kawza tissoka.

2. Illi mill-bqija l-esponenti jiddikjara illi ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant filwaqt li jirriserva li jirrispondi ulterjorment wara li ghamel kuntatt mal-persuni minnu rapprezentati fl-esteru qieghed jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba f'din il-kawza.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Angela Grima u John Attard fejn gie eccepit kif isegwi:-

'1. Illi fl-ewwel lok Alfred Cassar ma jghix f'dawn il-gzejjer u ghalhekk ma jistax jidher bhala rapprezentant ta' martu Rose Cassar. Kwindi jridu jigu regolarizzati l-atti qabel ma din il-kawza tista' timxi oltre.

2. Illi l-esponenti ma jopponux ghad-divizjoni mitluba purke jigu verifikati l-kwoti skont il-ligi.

3. Illil l-esponenti qatt ma kienu kontra l-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi mizmuma in komun. Ghall-kuntrarju kienu l-istess atturi li hassru l-bejgh ta' l-assi kommuni, minkejja li dawn kienu ser jinbieghu bi prezz vantagguz. Ghalhekk l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu spejjes.

4. Illi l-art detenuta bi qbiela msemmija f'paragrafu erbgha (iv) tal-lista ta' l-assi ta' John Attard, maghrufa bhala 'Ta' Santa Cecilia' sive Ta' Lambert, fil-limiti tax-Xewkija ma hijiex in divizjoni stante illi t-titolari bi qbiela ta' din l-art hija eccipjenti Angela Grima u zewgha John Baptist Grima.'

Rat illi tramite n-nota tal-attur nomine Alfred Cassar datata 19 ta' Settembru, 2011, l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti kollha giet sorvolata;

Rat u semghet ix-xhieda.

Rat ir-rapport tekniku u d-diversi pjanti li gew prezentati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

F'din il-kawza qieghed jintalab il-qsim tal-wirt ta' John Attard li miet fl-24 ta' Settembru, 1999 u ta' martu Francesa Attard li mietet nhar id-19 ta' Dicembru, 1992.

John u Francesca Attard irregolaw il-wirt u s-succesjoni taghhom b'testment tal-10 ta' Jannar, 1974 fl-atti tan-Nutar Antonio Galea u permezz tieghu nnominaw bhala l-eredi universali taghhom lis-seba' uliedhom Zarena mart Paolo Hili, Rosina mart Alfredo Cassar, Ganni Attard, Wenzu Attard, Salvu Attatd, Angela Grima nee' Attard u Giuseppe Attard, indaqs bejniethom bis-sostituzzjoni vulgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akrexximent bejniethom skont il-Ligi[1].

**<u>Ishma</u>**

Illi mit-testment jirrizulta car li kull eredi ghandu dritt ghal sehem ugwali. Stante li jirrizulta li hemm sebat ahwa allura kull parti ghandha dritt ghal settima parti (1/7) mill-assi in divizjoni. Mill-atti tal-process jidher li dan il-fatt mhux kontestat mill-partijiet.

**<u>Assi ta' John u Francesca Attard</u>**

Illi jehtieg ghalhekk li jigu ndividwati liema huma l-proprjetajiet in divizjoni. Stante izda li f'din il-kawza qed tintalab id-divizjoni tal-assi kemm ta' John Attard kif ukoll ta' Francesca Attard u stante li l-eredi taghhom huma l-istess persuni fl-istess kwoti allura ai fini ta' speditezza ma hemmx ghalfejn wiehed jidhol fil-kwoti li kull wiehed jew wahda mill-mejtin kellhom fil-proprjeta' in divizjoni.

Jirrizulta lil din il-Qorti illi l-assi li ghadhom in divizjoni huma kif isegwi:

1. Il-flus kollha depozitati fil-banek.

Jidher li fuq dawn il-flus ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li dawn ghandhom jinqasmu wgwalment bejniethom. Jirrizulta li l-problema li zammet lill-eredi milli jaqsmu dawn il-flus sal-lum kienet illi l-partijiet kienu qed jippretendu li qabel ma jinqasmu l-flus ikun hemm ukoll ftehim fuq l-immobbli.

Ghalhekk stante li l-flus huma facilment divizibbli dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

2. Il-fond 19 u bieb iehor minghajr numru, bil-mandra annessa fi Triq San Bert maghrufa wkoll bhala Triq San Bartilment, Xewkija, Ghawdex.

Dwar din il-proprjeta' jidher illi l-vertenza li zammet lill-partijiet milli jiftiehmu kien li qatt ma kienu jaqblu bejniethom dwar il-valur tal-istess proprjeta' b'rizultat li sal-lum ghalkemm kellhom diversi offerti dawn xorta baqghu ma ftehmux u ghalhekk jehtieg li din il-proprjeta' tigi diviza. Il-partijiet qablu li din il-proprjeta' m'hiex kommodament divizibbli u dan huwa

[1] Ara fol. 9 u 10 tal-process.

konfermat ukoll mid-deskrizzjoni tal-istess moghtija mill-Perit Tekniku Gordon Vella[2] fir-rapport tieghu.

Illi dwar din il-proprjeta' issemmew diversi ammonti li suppost gew offerti sabiex din tinbiegh fosthom is-somma ta' Lm70,000 is-somma ta' Lm85,000 u dik ta' Lm105,000. Jirrizulta izda li f'mumenti minnhom tul it-trattattivi l-aktar valur li kien jissemma' kien dak ta' Lm70,000 li huwa l-ekwivalenti f'Euro ghas-somma ta' €163,056. Il-Perit tekniku Gordon Vella ivvaluta dan il-fond fir-rapport tieghu ferm anqas cioe' fl-ammont ta' €146,000. L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu li dan il-fond ghandu jigi mibjugh bil-procedura ta' licitiazzjoni skont il-valur moghti mill-perit tekniku. Il-konvenuti min-naha taghhom isostnu, dak li fuq kollox dejjem sostnew tul it-trattativi kollha dwar dan il-fond u cioe' illi meta wiehed jikkunsidra d-daqs, is-sit u l-potenzjal tal-post l-istima ta' €146,000 hija xi ftit baxxa. Il-konvenuti ssottomettew illi din il-Qorti ghandha tuza d-dritt taghha li tvarja mill-opinjoni tal-espert sabiex joghla l-valur tal-istess immobbli.

Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha relatata ma' dan il-fond kif ukoll ir-rapport tal-abbli Perit Gordon Vella u in vista tad-deskrizzjoni tal-istess fond fir-rapport inkluz ukoll il-posizzjoni centrali li ghandu l-fond fir-rahal tax-Xewkija u d-daqs tieghu l-istima ta' €146,000 hija wahda pjuttost baxxa specjalment meta wiehed iqis illi l-partijiet kellhom ghall-aktar minn darba offerti ghal dan il-fond ta' Lm70,000 cioe' €163,056. Din il-Qorti thoss li jekk dan il-fond jitpogga ghall-bejgh bil-licitazzjoni ghas-somma ta' €146,000 ser ikunu l-partijiet kollha fil-kwalita' taghhom ta' eredi li kollettivament jitilfu minn fuq il-bejgh tal-istess proprjeta'. Ghalhekk il-Qorti wara li anki qed taghti piz id-deskrizzjoni dettaljata tal-fond in kwistjoni moghtija mill-Perit Gordon Vella thoss li jkun aktar gust fl-ahjar interessi tal-partijiet kollha li dan il-fond jitpogga ghall-bejgh ghas-somma ta' €155,000 stante li skond il-Qorti din is-somma aktar tirrifletti l-valur veru tal-proprjeta.

3. Porzjon art imsejha 'Ta Lambert' fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka elf mitejn u sitta u erbghin metri kwadri (1246m.k.) li tidher fil-pjanti esebita a fol 39 tal-process bhala dokument MX 1.

Jirrizulta li l-partijiet kienu waslu ghall-ftehim dwar kif ghandha tinqasam din l-art bejniethom b'dana li kienet ukoll giet preparata pjanta ghall-qasma tal-istess mill-Perit Karmenu Borg liema pjanta tinsab a fol. 49 tal-process. Id-disgwit li baqa' bejn il-partijiet dwar din ir-raba' huwa l-uzu tal-bir li jinsab fl-istess raba'. L-atturi jsostnu li ghandu jintlahaq ftehim dwar kif ser jintuza l-bir u jipproponu illi l-uzu ghandu jsir bil-barmil u kulhadd ikollu gurnata assenjata lilu. Min- naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li l-bir ghandu jibqa' indiviz bejn il-partijiet kollha. Ovvjament il-bir per se m'hemmx dubju li mhux kommodament divizibbli. Din il-Qorti izda hija rinfaccjata b'kawza fejn qed jintalab id-divizjoni tal-assi kollha nkluz l-istess bir. Il-principju huwa li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' f'komunjoni ghalhekk sta ghal din il-Qorti li ssib soluzzjoni kif dan il-bir ma jibqax in komunjoni bejn il-partijiet. Jirrizulta mill-atti li l-bir in kwistjoni huwa wiehed zghir u mhux tal-ilma gieri ghalhekk l-ammont ta' ilma li wiehed jista' jigbed minnu huwa pjuttost limitat.

[2] A fol 65 tal-process

Jirrizulta izda mix-xhieda li sa qabel ma nfethet il-kawza dan il-bir kien gia wzat permezz ta' pompa filwaqt li l-atturi issa jridu jirrevertu ghall-uzu tal-barmil.

Ghaldaqstant fir-rigward ta' din l-art il-Qorti hija tal-fehma li din ghandha tinqasam bejn il-partijiet skont il-pjanta li tinsab fl-atti a fol. 49 wara li l-porzjonijiet jittellghu bix-xorti bejniethom. Il-Qorti hija tal-opinjoni li fic-cirkustanzi l-art fejn jinsab il-bir ghandha tghaddi bhala proprjeta' assoluta lil dik il-parti li tmissha dik il-porzjoni art adjacenti ghal fejn jinsab il-bir filwaqt li l-partijiet, inkluz is-sid li jmissu l-art fejn jinsab il-bir, ikollhom id-dritt li jtellghu l-ilma mill-istess bir gurnata fil-gimgha skont min imissu. B'hekk il-proprjeta' ma tibqax in komuni. Il-manutenzjoni tal-bir tkun a karigu tal-partijiet kollha b'mod ugwali. Din il-Qorti ma tarax izda li tista tillimita l-uzu ta' dan il-bir ghall-barmil biss meta dan kien gia qed isir permezz tal-pompa.

4. Porzjon art imsejha 'Tal-Baghal' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hames mija u sitta u sebghin metri kwadri (576 mk) li tidher fil-pjanta esebita a fol. 40 tal-process mmarkata bhala dokument MX 2.

Jirrizulta mill-process li anki f'dan il-kaz il-partijiet kienu waslu ghall-ftehim dwar il-qasma ta' din l-art tant li wkoll giet redatta pjanta mill-perit Karmenu Borg dwar kif ghandha ssir il-qasma. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li jaqblu mal-valur moghti mill-Perit Karmenu Borg u ghalhekk din ghandha tinbiegh b'licitiazzjoni izda dan il-valur ma jirrizulta minn imkien fl-atti processwali ta' din il-kawza. Min-naha l-ohra l-konvenuti jsostnu li din ir-raba ghandha tinqasam bejn il-partijiet bix-xorti skond il-qasma ndikata mill-Perit Karmenu Borg a fol. 50 tal-process. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti.

5. Qbiela fuq ir-raba' maghrufa bhala 'Ta Santa Cecilia' sive 'Tal-Lambert' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex tal-kejt ta' cirka tomna u zewg sieghan.

Dwar din l-art hemm qbil bejn il-partijiet li llum din hija mqabbla mill-Gvern favur il-kovenuta Angela Grima u r-ragel taghha John Grima u gew ukoll esebiti dokumenti li jevidenzjaw li sar il-kuntratt bejn il-konjugi Grima u d-Dipartiment tal-Artijiet. L-atturi izda jsostnu li trasferiment ta' din il-qbiela fuq Angela Grima u John Grima kienet rizultat ta' dikjarazzjoni falza da parti taghhom illi huma kienu qed jahdmu l-art sa erba' snin qabel il-mewt ta' John Attard filwaqt li jsostnu li fil-fatt dan ma kienx minnu. L-atturi pprovdew dokumenti li juru li huma kkontestaw illi din l-art tghaddi fuq l-istess Angela Grima u John Grima mad-Dipartiment tal-Artijiet.

Illi sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra li tiddividi dan id-dritt tal-qbiela fuq l-art in kwistjoni fl-ewwel lok ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li dan id-dritt jifforma parti mill-assi in divizjoni. Jirrizulta izda li llum din il-qbiela ssejjah unikament lil Angela Grima u John Grima u dan tramite rikonixximent moghti lilhom mad-Dipartiment tal-Artijiet. Fin-nuqqas ta' prova lil din il-Qorti li b'xi mod it-titolu ta' Angela Grima u John Grima gie attakkat u d-dritt rega' rriverta fuq l-eredi f'din il-kawza, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra din il-qbiela bhala formanti parti mill-assi ereditarji. Ghalhekk fuq din l-art din il-Qorti m'hiex

f'posizzjoni li tippronunzja ruhha salvi u mpregudikati d-drittijiet legali tal-partijiet fuq l-istess fi proceduri appoziti.

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jaghmlu referenza ghal raba' maghrufa bhala 'Ta Dun Luqa' fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 238.8m.k. Din il-Qorti sabet referenza ghal din ir-raba' fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-assi tal-mejta Francesca Attard a fol. 23 tal-process fejn jinghad li kienet proprjeta' parafernali tad-*decujus*. Oltre dan din il-Qorti ma sabet l-ebda referenza ohra ghal din ir-raba' fl-atti u wisq anqas ma sabet il-valutazzjoni msemmija mill-atturi fin-nota taghhom. L-istess atturi fin-nota guramentata taghhom ma jindikawx din il-proprjeta' bhala parti mill-assi parafernali tad-decujus (fol. 37 tal-process). Din l-art ukoll imkien ma hi imsemmija fl-affidavits u xhieda tal-partijiet. Ghaldaqstant din il-pretensjoni mihiex pruvata.

Ghalhekk il-Qorti se tipprovdi dwar l-assi u mmobbli b'mod separat:

(i). Il-flus kollha depozitati fil-banek ghandhom jinqasmu f'ishma wgwali bejn il-partijiet;

(ii). Il-fond 19 u bieb iehor minghajr numru, bil-mandra annessa fi Triq San Bert maghrufa wkoll bhala Triq San Bartilment, Xewkija, Ghawdex ghandu jitpogga ghall-bejgh bil-licitazzjoni b'dana li jittiehed l-valur tieghu huwa dak ta' €155,000.

(iii). Il-porzjon art imsejha 'Ta Lambert' fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka elf mitejn u sitta u erbghin metri kwadri (1246m.k.) li tidher fil-pjanti esebita a fol 39 tal-process bhala dokument MX 1 ghandha tinqasam skont il-pjanta li tinsab fl-atti a fol. 49 wara li l-porzjonijiet jittellghu bix-xorti minn Nutar Dr. Paul George Pisani li huwa wkoll awtorizzat jippubblika l-att relattiv. L-art fejn jinsab il-bir ghandha tghaddi bhala proprjeta' assoluta lil dik il-parti li tmissha dik il-porzjoni art adjacenti ghal fejn jinsab il-bir filwaqt li l-partijiet, inkluz is-sid li jmissu l-art fejn jinsab il-bir, ikollhom id-dritt li jtellghu l-ilma mill-istess bir gurnata fil-gimgha skontmin imissu. Il-manutenzjoni tal-bir tkun a karigu tal-partijiet kollha b'mod ugwali.

(iv). Il-Porzjon art imsejha 'Tal-Baghal' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hames mija u sitta u sebghin metri kwadri (576 mk) li tidher fil-pjanta esebita a fol. 40 tal-process mmarkata bhala dokument MX 2 ghandha tinqasam bejn il-partijiet skont il-qasma ndikata mill-Perit Karmenu Borg a fol. 50 tal-process u wara li titla' bix-xorti minn Nutar Dr. Paul George Pisani li huwa wkoll awtorizzat jippubblika l-att relattiv.

v. Illi ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti ma tistax tilqa' l-pretensjonijiet tal-atturi fir-rigward tal-qbiela fuq ir-raba' maghrufa bhala 'Ta Santa Cecilia' sive 'Tal-Lambert' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tomna u zewg sieghan.

vi. Fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti wkoll ma tistax tilqa' l-pretensjonijiet tal-atturi fir-rigward tar-raba' maghrufa bhala 'Ta Dun Luqa' fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 238.8m.k.,

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tillikwida l-beni gja formanti l-assi ereditarji tal-mejtin John Attard u Francesca Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li huma elenkati minn 1 sa 4 taht is-subtitolu '**Assi ta'John u Francesca Attard**;

2. Tiddividi l-assi numri 1 sa 4 bil-mod kif indikat fil-paragrafi (i) sa (iv) f'din l-istess sentenza;

3. Tahtar lin-Nutar Dr Paul George Pisani u tiffissa il-jum tas-16 ta' Jannar, 2015 f'12.00p.m. fil-bini tal-Qorti, Ghawdex sabiex hu stess jiehu hsieb li l-proprjeta' kif maqsuma tittella' bix-xorti u konsegwentement jipprosegwi ghall-pubblikazzjoni tal-atti opportuni u tinnomina lil Dr Simone Grech sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. Tordna l-licitazzjoni tal-assi ndikat fil-paragrafu (ii) u cioe' il-fond 19 u bieb iehor minghajr numru, bil-mandra annessa fi Triq San Bartilmew maghrufa wkoll bhala Triq San Bartilmew, Xewkija, Ghawdex li ghandu jitpogga ghall-bejgh bil-licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi maqsum bejn il-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom. Ai fini ta' valutazzjoni tal-immobbli din ghandha tibda' bil-prezz ta' €155,000 kif deciz minn din il-Qorti f'din l-istess sentenza.

Stante illi mill-process jidher li kull parti kellha b'xi mod jew iehor sehem fil-fatt li d-divizjoni baqghet ma saritx din il-Qorti ma tqisx li jezistu ragunijiet ghalfejn l-ispejjez ghandhom jigu spartiti mhux b'mod ugwali bejn il-partijiet u tiddikjara li l-ispejjez inkluz dawk tal-bejgh b'licitazzjoni, in-nomina tal-Perit u l-pubblikazzjoni tal-kuntratti relattivi ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------